

- 2) Fil-każ li dawn ir-imborsi jitqiesu li huma imbori fi flus, il-kriżi sanitaria marbuta mal-epidemija tal-covid-19 u l-konsegwenzi tagħha fuq l-operaturi ta' vjaġġi li, minħabba din il-kriżi, ġarrbu tnaqqis fid-dħul mill-bejgħ tagħhom li jiġi stmat bejn 50 % u 80 %, u li jirrappreżentaw iktar minn 7 % tal-prodott domestiku gross fi Franzia u li, fir-rigward ta' operaturi tal-pakketti tal-ivvjaġġar, jimpiegaw 30 000 persuna fi Franzia għal dħul mill-bejgħ ta' kważi EUR 11-il biljun, huma ta' natura li jiġi kundizzjonijiet u fliema limiti, deroga temporanha mill-obbligu għall-organizzatur li jirrimborsa lill-vjaġġatur il-ħlasijiet kollha li saru għall-pakkett tal-ivvjaġġar f'terminu ta' erbatax-il jum wara x-xoljiment tal-kuntratt, previst fl-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302?
- 3) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għad-domanda preċedenti, huwa possibbli, fiċ-ċirkustanzi li għadhom kif tfakku, li jiġu aġġustati l-effetti temporali ta' deċiżjoni li tannulla att tad-dritt nazzjonali li jmur kontra l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302?

(<sup>1</sup>) ĠU 2015, L 326, p. 1.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) – Il-Portugall) – RC vs Autoridade Tributária e Aduaneira**

**(Kawża C-103/20) (<sup>1</sup>)**

**(2021/C 357/19)**

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 191, 8.6.2020.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal du travail de Nivelles – il-Belġju) – SD vs Habitations sociales du Roman Païs SCRL, TE, fil-kwalità ta' kuratur tar-Régie des Quartiers de Tubize ASBL**

**(Kawża C-104/20) (<sup>1</sup>)**

**(2021/C 357/20)**

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 161, 11.5.2020.